**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 360/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**-Vs-**

**JOSEF AGIUS**

**Illum, 6 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JOSEF AGIUS** ta' 34 sena, bin Carmel Agius u Rosanna xebba Vella, imwieled Pieta, fit-28 ta' Frar 1989, residenti Binja Qlejgħa, Blk C, Flt 9, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 124089M li ġie akkużat talli fl-4 ta' Jannar 2023, għall-ħabta ta' sebgħa u nofs ta' filgħodu (07 :30hrs), ġewwa Triq San Frangisk, Ħamrun ;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Khalid Nawaz, hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr Ylenia Zammit.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Khalid Nawaz billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti finalment kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur taqra l-akkużi u tikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;
Rat illi Khalid Nawaz ġie ammess bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri;

Rat illi l-Avukat Ġenerali fit-12 ta' Diċembru 2023 bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti taħt dak li hemm maħsub fl-artikoli:-

- Fl-artikoli 17, 31 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li kkaġuna volontarjament offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Khalid Nawaz f'argoment li seħħ fl-4 ta' Jannar 2023 ġewwa l-Ħamrun.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-imputat u ċertu Ryan Borg kienu qed jiżviluppaw binja ġewwa Triq San Franġisk, Ħamrun u kien qabbdu lill-parti offiża, Khalid Nawaz, bħala bennej. Qam argoment bejniethom dwar xi xogħol ta' bini li allegatament sar ħażin u dwar xi ħlas li kien pretiż mill-parti offiża. F'dan l-argoment il-parti offiża sofra ġrieħi f'rasu konsistenti f'laċerazzjoni fuq moħħu kif ġie ċertifikat minn Dr. Ylenia Zammit[1].

Il-Qorti trid teżamina x-xhieda u l-provi mressqin mill-Prosekuzzjoni sabiex tistabbilixxi jekk intlaħaqx f'dan il-każ il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali fl-imputat għar-reat uniku li ġie mixli dwaru, ċioe' li kkaġuna volontarjament offiża ta' natura gravi taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* bejn l-imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq l-att kriminuż li

---

[1] Ara xhieda Dr. Ylenia Zammit, 13 ta' Settembru 2023 u ċertifikat mediku maħruġ fl-4 ta' Jannar 2023, f'paġna 5 tal-atti proċesswali. Ara wkoll ritratt Dok. KN3 u Dok. KN4, f'paġna 42 u 43.

jinsab mixli bih. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib lill-akkużat ħati ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Għandu jingħad ukoll illi, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[2], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «*... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

---

[2] Deciza 9.7.2003.

In materja ngħad illi:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[3]

**Khalid Nawaz** xehed illi huwa kien impjegat minn Ryan Borg f'sit tal-konstruzzjoni ġewwa l-Ħamrun u fl-4 ta' Jannar 2023 l-imgħallem ċempillu biex jgħidlu li mhux ġej xogħol u biex jitħallas is-salarju kellu jkellem lill-imputat, Josef Agius, li kien ser ikun fuq is-sit minfloku. Qal li meta staqsa lill-imputat għas-salarju tiegħu, l-imputat ma riedx iħallsu u beda jallega li kien hemm xi xogħol li bini li kien sar ħażin u riedu jirranġah dak il-ħin stess. Dak il-ħin l-imputat sar aggressiv u beda jxejjer idejh u beda jibża' minnu u għalhekk, huwa niżel isfel biex jevita l-ġlied iżda l-imputat niżel isfel warajh u tah daqqa f'rasu. Khalid Nawaz ma setax jiftakar jekk id-daqqa l-imputat kienx tahielu b'rasu jew b'ġebla, u dan għaliex intilef minn sensih bid-daqqa. Madankollu, ikkonferma li sadanittant Ryan Borg, l-imgħallem tiegħu, wasal fuq il-post u l-inċident seħħ fil-preżenza tiegħu. Xehed ukoll li Ryan Borg ma intervjeniex fl-argoment biex jgħin iżda biex ikomplih u beda juża kliem aggressiv bil-Malti fil-konfront tiegħu. Sħabu li kienu qed jaħdmu fil-post ħaduh fl-Għassa tal-Pulizija u mbagħad mar ukoll l-iSptar fejn ingħata parir biex jagħmel ġimgħa d-dar biex jistrieħ. Iżda wara l-inċident xorta waħda ma setax jaħdem bħal qabel, għaliex il-ħin kollu jħossu stordut u mqalla'.

[3] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

**Ryan Borg**, li mill-provi jirriżulta li kien l-ewwel persuna li mar jirrapporta l-inċident fl-4 ta' Jannar 2023 fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, xehed illi huwa kellu sit tal-kostruzzjoni ġewwa l-Ħamrun u kif kien tiela' fit-triq sejjer lejn is-sit u beda tiela' għall-ewwel sular, sema' kommossjoni kbira ġejja minn fuq. Huwa tela' sar-raba' sular u sab lill-bennej Pakistani li kien qabbdu fuq xogħol ta' kostruzzjoni fis-sit, nieżel bir-rabja b'baskett f'idu u meta staqih x'kien ġara, semma lil sieħbu, b'riferenza għal Josef Agius li kien fuq fil-ħames sular. Dak il-ħin, dan il-bennej, biex iressqu min-nofs u jibqa' nieżel għal isfel, ipprova jimbottah għal ġol-bokka tal-lift. Dak il-ħin ħasdu u biex iżomm ruħu milli jaqa' lura fil-bokka tal-lift, b'istint huwa qabad lill-ieħor minn dirajgħ, mill-ħwejjeġ, għaliex ma kellux ma x'hiex jaqbad, u peress li kien qabdu bis-saħħa u ġibdu, laqtu b'rasu. Imbagħad baqa' tiela' fuq fil-ħames sular fejn sab lill-imputat ("*b'siequ daqshekk, minfuħa*") li qallu li l-Pakistani kien waddablu briksa. Huwa akkumpanja lill-imputat lill-Għassa fejn bagħtuh il-klinika. Jaf li l-imputat kien muġugħ u kien għamel erbat ijiem ma setax imur xogħol. Ryan Borg xehed ukoll li in segwitu sar jaf illi dak il-ħin fis-sit, f'xi kamra oħra kien hemm ukoll l-assistent tal-Pakistani, ma jafx x'jismu, iżda ma kienx rah għaliex kien moħħu fl-imputat li kien weġġa'.

Jirriżulta illi l-imputat, Josef Agius, irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija, speċifikatament lil PS 1304 Christopher Seychell fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun fl-4 ta' Jannar 2023 wara li kien ġie eżaminat ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana għall-ġrieħi li kien sofra fl-inċident li kien seħħ iktar kmieni dakinhar. Jirriżulta wkoll illi huwa kien mar jirrapporta l-inċident minn jeddu. Dwar dan ir-rapport u l-istqarrija rilaxxata mill-imputat xehed l-istess PS 1304 Christopher Seychell.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi din l-istqarrija jidher li ġiet rilaxxata mingħajr l-imputat ma ngħata d-drittijiet legali kollha maħsuba fl-artikolu 534AB tal-Kap. 9, għaliex filwaqt li tassew ingħata d-dritt li jitkellem ma' avukat qabel ta l-verżjoni tiegħu lil PS 1304 Christopher Seychell u fil-fatt jirriżulta li tkellem ma' Dr. Kris

Busietta, evidentement ma kienx ġie mwissi bid-dritt tas-silenzju[4]. Barra dan, ma jirriżultax illi ngħata d-dritt li jkun assistit legalment waqt l-interrogazzjoni nnifisha.

Madanakollu, għandu jingħad ukoll illi l-imputat ma setax kien qed jitqies dak il-ħin bħala persuna suspettata li kkaġuna l-offiżi rapportati minn Khalid Nawaz. Dan qed jingħad għaliex kif jirriżulta mir-rapport tal-okkorrenza, kif ukoll mix-xhieda ta' PS 1304 Christopher Seychell, sadanittant Khalid Nawaz kien irrapporta biss li kien għadu kif ġie msawwat, filwaqt li Ryan Borg kien irrapporta qablu li kien hu stess li kien involut f'argoment mal-impjegat tiegħu Khalid Nawaz u li l-istess impjegat kien waddab xi ġebel lejn Josef Agius u weġġgħu. F'dak l-istadju, ma jirriżultax li l-imputat Josef Agius kien għadu ġie msemmi bħala l-allegat aggressur ta' Khalid Nawaz u għalhekk fil-fehma tal-Qorti, ma kienx meħtieġ, meta mar jirrapporta l-ġrieħi li ġarrab f'dan l-istess inċident, li jingħata d-drittijiet spettanti lil persuna suspettata. Barra dan il-fatt illi d-difiża, fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2023, eżentat espressament lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova tal-volontarjeta' tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat u l-prova tad-drittjiet li ngħatawlu qabel ġiet rilaxxata l-istess stqarrija.

Għaldaqstant, anke għaliex ma jirriżultax illi l-imputat għamel xi dikjarazzjonijiet inkriminanti fil-verżjoni li ta lill-Pulizija fl-4 ta' Jannar 2023, il-Qorti sejra tagħti piż lid-dikjarazzjoni tal-istess imputat u sejra tqisha fil-ġabra tal-provi bħala stqarrija magħmula volontarjament u b'konformita' mal-esiġenzi tal-artikolu 658 tal-Kap. 9[5].

Jirriżulta mit-testimonjanza ta' PS 1304 Christopher Seychell u mir-rapport tal-okkorrenza[6], illi Josef Agius stqarr illi Khalid Nawaz kien heddu u tefgħelu briksa u

---

[4] L-artikolu 534AB(1) tal-Kap. 9 jistipola li għandu jkun id-dmir tal-Pulizija li tinforma lill-persuna suspettata bla ebda dewmien b'numru ta' drittijiet proċedurali, fosthom:- "*(a) id-dritt ta' aċċess għal avukat; (b) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir; ... (e) id-dritt li jibqa sieket...*" Ara wkoll l-artikolu 355AUA tal-Kap. 9 dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat.

[5] *Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

[6] Ara rapport NPS 2/POL/74/2023, paġna 15 *et sequitur* tal-atti proċesswali.

laqatlu saqajh. Ipproduċa ċertifikat mediku dwar dawn il-ġrieħi. Stqarr ukoll illi kien hemm xi xogħol ħażin mibni minn Khalid Nawaz iżda kif qallu li x-xogħol kellu jerġa' jsir, bidel l-attitudni tiegħu u qam argoment bejniethom fuq il-flus fejn Khalid beda jheddu bil-kliem "*Kill you*", tant illi l-ħaddiema ta' Khalid niżlu minn fuq u bdew iżommuh. Wara dan, Khalid kien tefa' briska fid-direzzjoni tiegħu u kien laqtu f'irkopptejh it-tnejn.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm tassew Khalid Nawaz xehed illi kien l-imputat Josef Agius li kien tah daqqa f'rasu, ma jiftakarx jekk kienx laqtu b'rasu stess jew b'ġebla. Min-naħa l-oħra għandha quddiemha x-xhieda bla tlaqliq ta' Ryan Borg li kien hu li laqat lill-parti offiza f'rasu u dan b'rasu stess meta ġie imbottat lura waqt li Khalid kien nieżel it-taraġ bil-herra, u qabad miegħu biex jevita li jaqa' lura fil-bokka tal-lift. Din l-istess verżjoni Ryan Borg kien diġa' rapportaha lil PS 1304 fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun fl-4 ta' Jannar 2023 għall-ħabta tat-8.00 a.m. ftit minuti biss wara l-inċidenti fejn qal li kien għadu kif kellu xi jgħid ma' ħaddiem tiegħu. F'din il-verżjoni Ryan Borg qal li sema' kommossjoni huwa u tiela' t-taraġ tal-blokka, fejn iltaqa' ma' Khalid li kien imbottah bil-konsegwenza illi kien ser iwaqqgħu għal isfel ġol-bokka tal-lift, u għalhekk kien imbottah u wkoll tah xi daqqa ġo rasu.

Ix-xhieda ta' Ryan Borg hi pjenament kompatibbli mal-verżjoni li huwa kien irrapporta *a tempor vergine* lill-Pulizija, liema verżjoni ġiet irrapportata addirittura qabel ma ttieħdet il-verżjoni ta' Khalid Nawaz li sadanittant kien ittieħed l-Isptar bl-ambulanza biex jiġi kkurat. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-imputat *a tempor vergine* sostna li kien ġie aggredit minn Khalid Nawaz li kien weġġgħu f'saqajh, magħdud dan il-fatt illi Ryan Borg xehed li kien hu li imbotta lil Khalid u tah xi daqqa f'rasu b'rejazzjoni għall-fatt li Khalid Nawaz kien imbottah lejn il-bokka tal-lift - liema verzjoni kien diġa' rrapportah lill-Pulizija ftit minuti biss wara l-inċident - huwa biżżejjed biex jinstawra f'moħħha dubju raġjonevoli dwar il-veraċita' jew korrettezza tal-verżjoni li xehed dwarha l-istess Khalid Nawaz.

Il-Qorti tosserva wkoll illi Khalid Nawaz fil-verżjoni li rrapporta lil PS 1304 għall-ħabta tal-4.00 p.m. stqarr illi huwa beda nieżel it-taraġ wara li kien beda jiġi mhedded mill-imputat u kien hemmhekk inħoloq argoment mal-imputat kif ukoll ma' Ryan Borg. Għalkemm Khalid Nawaz sostna li kien l-imputat kien tah daqqa bir-ras, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi skont kif xehed l-istess parti offiża, Ryan Borg kien involut waqt din il-kollutazzjoni, verżjoni li tikkombaċċja mal-verżjoni ta' Ryan Borg innifsu li konsistentement iddikjara li kien hu li ta d-daqqa lil Khalid f'rasu u dan meta Khalid kien nieżel it-taraġ u imbottah lura lejn il-bokka tal-lift.

Magħdud dan kollu l-fatt illi l-verżjoni ta' Ryan Borg, fix-xhieda kif ukoll fir-rapport tal-okkorrenza, hi konsistenti mal-istqarrija tal-imputat - affermata minnu wkoll sussegwentement fit-12 ta' Jannar 2023 kif jirriżulta minn aġġornament magħmul minn PS 1304 Christopher Seychell fir-rapport tal-okkorrenza[7] - in kwantu l-fatt illi l-parti offiża kien tefgħelu nofs briska u laqtu f'saqajh. Minkejja li l-Qorti kienet ordnat fl-istadju tal-kumpilazzjoni, fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023 li jiġi esebit iċ-ċertifikat mediku li l-imputat kien ipprovda lil PS 1304 Christopher Seychell, jirriżulta li dan iċ-ċertifikat baqa' qatt ma ġie prodott u l-Avukat Ġenerali ma kienx talab, wara li ngħalqet il-kompilazzjoni, li dan iċ-ċertifikat jiġi prodott bħala prova u biex jinsema' x-xhieda tat-tabib li eżamina lill-imputat fl-4 ta' Jannar 2023.

Il-Qorti tqis illi dan hu nuqqas tal-Prosekuzzjoni għaliex baqa' ma ġiex stabbilit jekk il-ġrieħi li l-imputat irrapporta li ġarrab fl-inċident f'saqajh, humiex kompatibbli mal-ġrieħi li ġew ċertifikati mit-tobba li eżaminawh, u lanqas ġie muri jekk l-imputat ġarrabx xi offiża f'moħħu, prova li kienet tissostanzja l-verżjoni tal-parti offiża li ġarrab l-offiżi f'moħħu b'daqqa ta' ras li qala' mill-imputat u mhux minn Ryan Borg.

Il-Qorti minn dan kollu ma tqisx li t-teżi tal-Prosekuzzjoni li kien l-imputat u ħadd ħlief l-imputat li kkaġuna l-offiżi f'ras Khalid Nawaz, tnissel fiha dik is-sikurezza ossa ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat għar-reat tal-offiża volontarja fuq il-persuna tal-parti offiża, għaliex hemm dubju raġjonevoli jekk kienx l-imputat jew

[7] Ara paġna 18 tal-atti tal-kawża.

Ryan Borg li effettivament tah id-daqqa f'rasu. Ma jistax jiġi mwarrab lanqas il-fatt illi l-imputat mill-bidu nett kien ċaħad il-ħtija tiegħu għall-offiżi subiti mill-parti offiża tant illi sosnta li kien l-istess Khalid Nawaz li kien ħebb għalih u kkaġunali ġrieħi f'irkopptejh.

F'dan il-kwadru ta' provi, li huma neqsin minn din l-univoċita' li jinħtieġ għall-konvinċiment morali dwar il-ħtija, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li t-teżi tal-Prosekuzzjoni ġiet ippruvata b'mod konklussiv u fil-grad rikjest għal sejbien ta' ħtija fil-kamp kriminali, u tqis li teżisti dubju raġjonevli dwar il-ħtija tal-imputat għar-reat li ġie mixli dwaru, dubju li għandu jibbenefika minnu l-imputat bis-saħħa tal-prinċipju *in dubio pro reo*.

**Għal dawn il-motivi kollha, tiddikjara lil JOSEF AGIUS mhux ħati tal-akkuża u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**